MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Numru. 824/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA**

**KONTRA**

**JAMIE FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jamie Farrugia ta’ 25 sena, bin Joseph u Anna nee’ Borg, imwieled Pieta nhar is- 7 ta’ Mejju 1983, residenti f’ ‘Farvill’, 42, Triq Michelangelo Caggiano, The Village, San Giljan, u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 254583 (M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f'dawn il- Gzejjer, fix- xahar ta' Gunju 2004 u fix- xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu ammont ta' flus li jeccedi l- mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad- dannu ta' Raymond Buhagiar, propjetarju ta' Bunch of Roses, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, amminstrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra teighu fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu;

Rat illi l-imputat kien effettivament hallas is-somma li hu kien ha minn ghand is-sid tax-xoghol tieghu;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 18, 293, 294 u 310 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------